VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,300, 26 ta' Awwissu, 2014
Taqsima B

A.L. 300 tal-2014

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

ATT DWAR IL-BASTIMENTI MERKANTILI (KAP. 234)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28(1) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43(3) tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u bl-artikolu 374(1) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, il-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa u l-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kwalità tal-Karburanti, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 423.29

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fit-18 ta' Ġunju, 2014.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jirregola l-kwalità tal-karburanti disponibbli f'Malta u biex jiġu trasposti d-Direttiva 93/12/KEE, id-Direttiva 98/70/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE, id-Direttiva 2003/17/EC, id-Direttiva 2005/33/KE, id-Direttiva 2009/30/KE u d-Direttiva 2012/33/UE.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "teknoloġija li tnaqqas l-emissjonijiet"għandha tinbidel bit-tifsira ġdida li ġejja:

"teknoloġija li tnaqqas l-emissjonijiet" tfisser kwalunkwe attrezzatura, materjal, apparat jew strument li għandhom jitwaħħlu fuq bastiment jew proċedura oħra, karburanti alternattiv, jew metodu ta' konformità, użat bħala alternattiva għal karburanti għal użu marittimu b'livell baxx ta' kubrit li jissodisfa r-rekwiżiti stipulati f'dawn ir-regolamenti, u li jista' jiġi vverifikat, ikkwantifikat u infurzat;";

(b) it-tifsira "żejt *diesel* għal użu marittimu" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "żejt *diesel* għal użu marittimu" tfisser kwalunkwe karburant marittimu kif imfisser għall-grad DMB fit-Tabella I tal-ISO 8217 bl-eċċezzjoni tar-referenza għall-kontenut ta' kubrit;";

(ċ) it-tifsira "żejt tal-gass" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "żejt tal-gass" tfisser:

(a) kull karburant likwidu ġej miż-żejt, ħlief il-karburant marittimu, li jaqa' taħt il-Kodiċi CN 2710 19 25, 2710 19 29, 2710 19 47, 2710 19 48, 2710 20 17 jew 2710 20 19, jew

(b) kull karburant likwidu ġej miż-żejt, ħlief il-karburant marittimu, li minnu inqas minn 65% bil-volum (inkluż it-telf) jiddistilla f'250°C u li tal-inqas minnu 85% bil-volum (inkluż it-telf) jiddistilla fi 350°C bil-metodu ASTM D86:

Iżda dawn ma għandhomx jinkludu:

(a) il-karburanti *diesel*; jew

(b) karburanti użati f'makkinarju mobbli mhux tat-toroq u tratturi għall-agrikoltura;";

(d) it-tifsira "żejt tal-gass għal użu marittimu" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "żejt tal-gass għal użu marittimu" tfisser kwalunkwe karburanti għal użu marittimu kif iddefinit għall-gradi DMX, DMA u DMZ fit-Tabella I tal-ISO 8217 bl-eċċezzjoni tar-referenza għall-kontenut ta' kubrit;"; u

(e) it-tifsira "żejt tal-karburanti tqil" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "żejt tal-karburanti tqil" tfisser:

(a) kull karburant likwidu ġej miż-żejt, ħlief il-karburant marittimu, li jaqa' taħt il-Kodiċi CN 2710 19 51 sa 2710 19 68, 2710 20 31, 2710 20 35, 2710 20 39, jew

(b) kull karburant likwidu ġej miż-żejt, minbarra ż-żejt tal-gass, li, minħabba l-limiti ta' distillazzjoni tiegħu, jaqa' taħt il-kategorija ta' żjut tqal maħsuba għall-użu bħala karburanti u li minnu anqas minn 65% bil-volum (inkluż it-telf) jiddistilla f'250°C bil-metodu ASTM D86. Jekk id-distillazzjoni ma tistax tiġi stabbilita bil-metodu ASTM D86, il-prodott taż-żejt ikun bl-istess mod kategorizzat bħala żejt karburant tqil;".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Il-paragrafu (g) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(g) bla ħsara għar-regolament 8A, il-karburanti użati abbord bastimenti li jużaw teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet skont ir-regolamenti 12 u 12Ċ.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (3) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (5); u

(b) is-subregolament (2) għandu jiġi sostitwit bis-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(2) Bla ħsara għas-sorveljanza adegwata tal-emissjonijiet mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, sal-31 ta' Diċembru 2015, is-subregolament (1) m'għandux japplika għal żjut tal-karburanti tqal użati:

(a) f'impjanti ta' kombustjoni li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni, li huma suġġetti għall-Artikolu 4(1) jew (2) jew l-Artikolu 4(3)(a) ta' dik id-Direttiva u li huma konformi mal-limiti ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit għal tali impjanti kif stipulat f'dik id-

Direttiva;

(b) f'impjanti ta' kombustjoni li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2001/80/KE, li huma suġġetti għall-Artikolu 4(3)(b) u l-Artikolu 4(6) ta' dik id-Direttiva u li l-emissjonijiet medji tagħhom ta' diossidu tal-kubrit fix-xahar ma jaqbżux 1 700 mg/Nm^3 f'kontenut ta' ossiġenu fil-gass mit-tromba taċ-ċumnija ta' 3% skont il-volum fi stat niexef;

(ċ) f'impjanti ta' kombustjoni li ma jaqgħux taħt il-paragrafi (a) jew (b), u li l-emissjonijiet medji tagħhom ta' diossidu tal-kubrit fix-xahar ma jaqbżux 1 700 mg/Nm^3 f'kontenut ta' ossiġenu fil-gass mit-tromba taċ-ċumnija ta' 3% skont il-volum fi stat niexef;

(d) għal kombustjoni f'raffineriji, fejn il-medja fix-xahar ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit mifruxa fuq l-impjanti ta' kombustjoni kollha fir-raffinerija, irrispettivament mit-tip ta' karburanti jew taħlita ta' karburanti li tintuża, iżda li ma tinkludix impjanti li jaqgħu taħt il-paragrafi (a) u (b), turbini tal-gass u magni li jaħdmu bil-gass, ma taqbiżx 1 700 mg/Nm^3 f'kontenut ta' ossiġenu fil-gass mit-tromba taċ-ċumnija ta' 3% skont il-volum fi stat niexef.

(3 Bla ħsara għas-sorveljanza adegwata tal-emissjonijiet mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, mill-1 ta' Jannar 2016, is-subregolament (1) m'għandux japplika għal żjut tal-karburanti tqal użati:

(a) f'impjanti ta' kombustjoni li jaqgħu fl-ambitu tal-Kapitolu III tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li huma konformi mal-limiti ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit għal tali impjanti kif stipulat fl-Anness V ta' dik id-Direttiva jew, fejn dawk il-valuri tal-limitu ta' emissjonijiet ma jkunux applikabbli skont dik id-Direttiva, li l-emissjonijiet medji tagħhom ta' diossidu tal-kubrit fix-xahar ma jaqbżux 1 700 mg/Nm^3 f'kontenut ta' ossiġenu fil-gass mit-tromba taċ-ċumnija ta' 3% skont il-volum fi stat niexef;

(b) f'impjanti ta' kombustjoni li ma jaqgħux taħt il-paragrafu (a), u li l-emissjonijiet medji tagħhom ta' diossidu tal-kubrit fix-xahar ma jaqbżux 1 700 mg/Nm^3 f'kontenut ta' ossiġenu fil-gass mit-tromba taċ-ċumnija ta' 3% skont il-volum fi stat niexef;

(ċ) għal kombustjoni f'raffineriji, fejn il-medja fix-xahar ta' emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit mifruxa fuq l-impjanti ta' kombustjoni kollha fir-raffinerija, irrispettivament mit-tip ta' karburanti jew taħlita ta' karburanti li tintuża, iżda li ma tinkludix impjanti li jaqgħu taħt il-paragrafu (a), turbini tal-gass u magni li jaħdmu bil-gass, ma taqbiżx 1 700 mg/Nm^3 f'kontenut ta' ossiġenu fil-gass mit-tromba taċ-ċumnija ta' 3% skont il-volum fi stat niexef.

(4) L-ebda impjant ta' kombustjoni li juża żejt tal-karburant tqil b'konċentrazzjoni ta' kubrit ogħla minn dik imsemmija fis-subregolament (1) ma għandu jitħaddem mingħajr permess maħruġ mill-awtorità kompetenti responsabbli li tispeċifika l-limiti tal-emissjonijiet.".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali ċ-ċifra "0.1" għandha tiġi sostitwita biċ-ċifra "0,10".

Iżid regolament 8A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

7. Minnufih wara r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Kontenut massimu ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu.

8A. L-użu ta' karburanti għal użu marittimu, b'kontenut ta' kubrit li jeċċedi 3,50% skont il-massa, huwa projbit fit-territorju Malti:

Iżda dan ma għandux japplika għal karburanti fornuti lill-bastimenti li jużaw il-metodi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, suġġetti għar-regolament 12 meta joperaw b'mod magħluq.".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita b'din li ġejja:

"Il-kontenut massimu ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu użati f'ibħra territorjali, żoni ekonomiċi esklużivi u żoni ta' kontroll tat-tniġġis tal-Istati Membri, inklużi Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal- SOx u minn bastimenti tal-passiġġieri li joperaw servizzi regolari lejn u minn portijiet tal-Unjoni Ewropea.";

(b) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) L-użu ta' karburanti għal użu marittimu huwa projibit:

(a) fiż-żoni tal-ibħra territorjali, żoni ekonomiċi esklużivi u żoni ta' kontroll tat-tniġġis li jaqgħu fi ħdan Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-SOx jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk il-karburanti skont il-massa jkun jeċċedi:

(i) 1,00% sal-31 ta' Diċembru, 2014;

(ii) 0,10% mill-1 ta' Jannar, 2015:

Iżda dan għandu japplika għall-bastimenti tal-bnadar kollha, inklużi bastimenti li l-vjaġġ tagħhom ikun beda barra l-Unjoni Ewropea;

(b) fiż-żoni tal-ibħra territorjali, żoni ekonomiċi esklużivi u żoni ta' kontroll tat-tniġġis jekk il-kontenut ta' kubrit ta' dawk il-karburanti skont il-massa jkun jeċċedi:

(i) 3,50% mit-18 ta' Ġunju, 2014;

(ii) 0,50% mill-1 ta' Jannar, 2020:

Iżda dan għandu japplika għall-bastimenti kollha tal-bnadar kollha, inklużi l-bastimenti li l-vjaġġ tagħhom ikun beda barra mill-Unjoni Ewropea, u bla ħsara għas-subregolament (1)(a) u s-subregolament (4) ta' dan ir-regolament u r-regolament 9A.";

(ċ) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Is-sub-regolament (1)(a) għandu jkun applikabbli għal:

(a) il-bastimenti li jtajru il-Bandiera ta' Malta; u

(b) il-bastimenti ta' kull bandiera waqt li jkunu fil-portijiet ta' Malta, jekk dawk il-portijiet ikunu konfinanti ma' Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet SOx:

Iżda azzjoni ta' infurzar addizzjonali tista' tittieħed mill-awtorità kompetenti għar-rigward ta' bastimenti oħra skont id-dritt marittimu internazzjonali.";

(d) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Sal-ewwel ta' Jannar 2020, l-użu ta' karburanti għal użu marittimu li jeċċedi 1,50% skont il-massa huwa projbit fl-ibħra territorjali, fl-ibħra interni, f'kull żoni ekonomiċi esklużivi u żoni ta' kontroll tat-tniġġis li jinsabu barra Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet tal-SOx minn bastimenti tal-passiġġieri li joperaw servizzi regolari lejn jew minn kwalunkwe port tal-Unjoni Ewropea. Dan għandu japplika għar-rigward ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Malta u tal-bastimenti li jtajru kwalunkwe bandiera waqt li jkunu qiegħdin fil-portijiet ta' Malta.";

(e) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) Il-Kaptan għandu jiżgura l-mili korrett tar-reġistru li jinżamm abbord il-bastimenti, fosthom l-operazzjonijiet ta' bdil tal-karburanti."; u

(f) minnufih wara s-subregolament (5) tiegħu, kif sostitwit, għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(6) L-awtorità kompetent għandha tipprova tiżgura d-disponibilità tal-karburanti marittimi li jikkonformaw ma' dawn ir-regolamenti.

(7) Jekk bastiment jinstab li mhux konformi mal-i*standards* għall-karburant għal użu marittimu li huma f'konformità ma' dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti jew l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, skont kif ikun xieraq, huma ntitolati jirrikjedu lill-bastiment li:

(a) jippreżenta reġistru tal-azzjonijiet meħuda biex jipprova jiżgura li jkun konformi; u

(b) jipprovdi evidenza li huwa pprova jixtri karburant għal użu marittimu li huwa f'konformità ma' dawn ir-regolamenti skont il-pjan tal-vjaġġ tiegħu u, jekk dan ma kienx għad-dispożizzjoni fejn kien ippjanat, li saru tentattivi biex jinstabu għejun alternattivi għal tali karburant għal użu marittimu u li, minkejja l-ikbar sforzi għall-kisba tal-karburant għal użu marittimu li huwa f'konformità ma' dawn ir-regolamenti, ma kien disponibbli għax-xiri l-ebda karburant għal użu marittimu bħal dan.

Il-bastiment m'għandux ikun meħtieġ li jiddevja mill-vjaġġ intenzjonat tiegħu jew li jittardja l-vjaġġ bla bżonn sabiex ikun f'konformità. Jekk bastiment jipprovdi t-tagħrif imsemmi fil-paragrafi (a) u (b), l-awtorità kompetenti jew l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, skont kif ikun xieraq, għandhom iqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha u l-evidenza ppreżentata bil-għan li jiddeterminaw l-azzjoni xierqa li għandhom jieħdu, inkluż li ma jeħdux miżuri ta' kontroll.

Bastiment għandu jinnotifika lill-Istat tal-bandiera tiegħu u lill-awtorità kompetenti tal-port ta' destinazzjoni rilevanti meta ma jkunx jista' jixtri karburant għal użu marittimu li jkun f'konformità ma' dawn ir-regolamenti.

(8) It-tqegħid fis-suq ta' żjut tad-*diesel* għal użu marittimu b'kontenut ta' kubrit li jeċċedi 1,50% skont il-massa huwa projibit.".

Jissostitwixxi r-regolament 9A tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 9A għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Kontenut massimu ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu użati minn bastimenti rmiġġjati f'portijiet.

9A. (1) L-użu ta' karburant għal użu marittimu b'kontenut ta' kubrit li jeċċedi 0,10% bil-massa minn bastimenti rmiġġjati f'portijiet f'Malta huwa projibit:

Iżda l-ekwipaġġ għandu jitħalla ħin suffiċjenti sabiex ilesti kwalunkwe operazzjoni neċessarja ta' bdil tal-karburant kemm jista' jkun malajr wara l-irmiġġ u kemm jista' jkun tard qabel it-tluq. Il-ħin ta' kwalunkwe operazzjoni ta' bdil tal-karburant għandu jiġi rreġistrat fir-reġistru li jinżamm abbord il-bastimenti:

Iżda ukoll li dan is-subregolament ma għandux japplika:

(a) kull meta, skont l-iskedi ppubblikati, il-bastimenti jkunu ser jibqgħu rmiġġjati għal inqas minn sagħtejn;

(b) għal bastimenti li jitfu l-magni kollha u jużaw netwerk tal-elettriku terrestri waqt li jkunu rmiġġjati fil-portijiet.

(2) It-tqegħid fis-suq ta' żjut tal-gass għal użu marittimu b'kontenut ta' kubrit li jeċċedi 0,10% skont il-massa huwa projibit.".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

10. Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) L-awtorità kompetenti għandha skont ir-regolament 18 tal-Anness VI tal-MARPOL iżżomm reġistru pubblikament disponibbli tal-fornituri lokali ta' karburanti għal użu marittimu."; u

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Il-fornituri lokali ta' karburanti għal użu marittimu għandhom:

(a) jiddokumentaw fuq nota ta' kunsinna tal-bunker il-kontenut ta' kubrit fil-karburanti għal

użu marittimu kollha mibjugħa fit-territorju ta' Malta. Dik in-nota ta' kunsinna tal-bunker għandha tkun akkumpanjata minn kampjun issiġillat u ffirmat mir-rappreżentant tal-bastiment li jirċievi l-karburanti;

(b) jiżguraw li l-karburant li jikkonsenjaw ikun jaqbel mal-ispeċifikazzjoni indikata fuq in-nota ta' kunsinna tal-bunker;

(ċ) jieħdu azzjoni ta' rimedju sabiex kwalunkwe karburant għal użu marittimu li jkun instab li mhux konformi jinġieb f'konformità.".

Jissostitwixxi r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

11. Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"Teħid tal-kampjuni u analiżi.

11. (1) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiċċekkja permezz ta' teħid tal-kampjuni li l-kontenut ta' kubrit fil-karburanti użati huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 7, 8, 8A, 9 u 9A. L-awtorità kompetenti għandha tibda t-teħid tal-kampjuni fid-data li fiha jidħol fis-seħħ il-limitu rilevanti għall-kontenut massimu ta' kubrit fil-karburant. It-teħid tal-kampjuni għandu jsir perjodikament u b'mod li l-kampjuni u l-kwantitajiet ikunu rappreżentattivi tal-karburant eżaminat, u fil-każ ta' karburant għal użu marittimu, tal-karburant li jkun qiegħed jintuża mill-bastimenti waqt li jkunu f'żoni tal-baħar jew f'portijiet rilevanti. Il-kampjuni għandhom jiġu analizzati mingħajr dewmien żejjed. Għandu jintuża kull wieħed mill-mezzi li ġejjin ta' teħid tal-kampjuni, analiżi u spezzjoni ta' karburant għal użu marittimu:

(a) spezzjoni ta' karburant għal użu marittimu: l-ispezzjoni tar-reġistri li jinżammu abbord il-bastimenti u n-noti ta' kunsinna tal-bunker; u

(b) kif ikun xieraq, il-mezzi li ġejjin ta' teħid ta' kampjuni u ta' analiżi: it-teħid ta' kampjuni tal-karburant għal użu marittimu għal kombustjoni abbord waqt li jkun qed jiġi kkonsenjat lill-bastimenti, skont il-Linji gwida għat-teħid ta' kampjuni ta' żejt tal-karburant sabiex tiġi ddeterminata l-konformità tiegħu mal-Anness VI rivedut tal-MARPOL adottat fis-17 ta' Lulju 2009 bir-Riżoluzzjonii 182(59) tal-Kumitat għal-Protezzjoni tal-Ambjent Marittimu (MEPC) tal-IMO,u analiżi tal-kontenut ta' kubrit tiegħu; jew

(ċ) it-teħid ta' kampjuni u analiżi tal-kontenut ta' kubrit ta' karburant għal użu marittimu għal kombustjoni abbord li jkun jinsab f'tankijiet fejn ikun teknikament u ekonomikament fattibbli, u f'kampjuni tal-bunker issiġillati abbord il-bastimenti.

(2) Il-metodu ta' referenza adottat sabiex jiġi stabbilit il- kontenut ta' kubrit għandu jkun il-metodu ISO 8754 (2003) jew PrEN ISO 14596 (2007). Sabiex jiġi stabbilit jekk il-karburant għal użu marittimu kkonsenjat lill-bastimenti u użat abbord dawn il-bastimenti huwiex konformi mal-limiti ta' kubrit meħtieġa skont ir-regolamenti 8, 8A, 9 u 9A għandha tintuża l-proċedura ta' verifika tal-karburant stipulata fl-Appendiċi VI tal-Anness VI tal-MARPOL.".

12. Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

Jissostitwixxi r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

"Metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet.

12. (1) L-awtorità kompetenti, jew l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, skont kif ikun xieraq, għandha tippermetti l-użu ta' metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet minn bastimenti tal-bnadar kollha fil-portijiet, l-ibħra territorjali, fl-ibħra interni, kull żoni ekonomiċi esklużivi u żoni ta' kontroll tat-tniġġis, bħala alternattiva għall-użu ta' karburanti għal użu marittimu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-regolamenti 9 u 9A, u suġġett għas-subregolamenti (2) u (3).

(2) Bastimenti li jużaw il-metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet imsemmija fis-subregolament (1) għandhom kontinwament jiksbu tnaqqis fl-emissjonijiet ta' diossidu tal-kubrit li jkun mill-anqas ekwivalenti għat-tnaqqis li jinkiseb bl-użu ta' karburanti għal użu marittimu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-regolamenti 9 u 9A. Il-valuri ta' emissjonijiet ekwivalenti għandhom ikunu ddeterminati skont ir-Raba' Skeda.

(3) L-awtorità kompetenti, għandha, bħala soluzzjoni alternattiva għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, tinkoraġġixxi l-użu ta' sistemi terrestri tal-provvista tal-enerġija lill-bastimenti rmiġġati.

(4) Il-metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet imsemmija fis-subregolament (1) għandhom ikunu konformi mal-kriterji speċifikati fl-istrumenti msemmija fil-Ħames Skeda.".

Iżid ir-regolamenti 12B u 12Ċ ġodda mar-regolamenti prinċipali.

13. Minnufih wara r-regolament 12A tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu ir-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Approvazzjoni ta' metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għall-użu fuq bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru. L. S.427.60.

12B. (1) Metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet li jaqgħu fil- kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti dwar Valutazzjoni ta' Konformità ta' Tagħmir Marittimu għandhom ikunu approvati skont dawk ir-regolamenti.

L. S.427.60.

(2) Il-metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet li ma jkunux koperti bir-Regolamenti dwar Valutazzjoni ta' Konformità ta' Tagħmir Marittimu għandhom jiġu approvati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru tal-2002 li jistabbilixxi Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS), billi jiġu kkunsidrati:

(a) il-linji gwida żviluppati mill-IMO;

(b) ir-riżultati ta' kwalunkwe prova mwettqa skont ir-regolament 12;

(ċ) l-effetti fuq l-ambjent, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet li jista' jinkiseb, u l-impatti fuq ekosistemi f'portijiet u estwarji magħluqa; kif ukoll

(d) il-fattibbiltà tal-monitoraġġ u l-verifika.

Provi ta' metodi ġodda ta' tnaqqis tal-emissjonijiet.

12Ċ. (1) L-awtorità kompetenti jew, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, skont kif ikun xieraq, tista', b'kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra, kif ikun xieraq, tapprova l-provi ta' metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet mill-bastimenti, fuq bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Malta, jew f'żoni tal-baħar li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' Malta.

(2) Matul dawk il-provi, l-użu ta' karburanti għal użu marittimu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-regolamenti 9 u 9A ma għandux ikun obbligatorju, sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-Kummissjoni u kwalunkwe Stat portwali kkonċernat jiġu nnotifikati bil-miktub mill-anqas sitt xhur qabel jibdew il-provi;

(b) il-permessi għall-provi ma jkunux għal iżjed minn tmintax-il xahar;

(ċ) il-bastimenti kollha involuti jinstallaw tagħmir li ma jistax jitbagħbas għall-monitoraġġ kontinwu tal-emissjonijiet ta' gass miċ-ċumnija u jużawh matul il-perjodu kollu tal-prova;

(d) il-bastimenti kollha involuti jiksbu tnaqqis fl-emissjonijiet li jkun tal-anqas ekwivalenti għal dak li kieku jintlaħaq bil-limiti fuq il-kubrit għall-karburanti speċifikati f'dawn ir-regolamenti;

(e) matul il-perjodu kollu tal-prova jkun hemm implimentati sistemi tajbin għall-immaniġġjar tal-iskart għal kwalunkwe skart iġġenerat mill-metodi ta' tnaqqis tal-emissjonijiet;

(f) matul il-perjodu kollu tal-prova ssir stima tal-impatti fuq l-ambjent tal-baħar, b'mod partikolari fuq ekosistemi f'portijiet u estwarji magħluqa; u

(g) ir-riżultati sħaħ jiġu pprovduti lill-Kummissjoni, u jsiru pubblikament disponibbli fi żmien sitt xhur mit-tmiem tal-provi.".

Iżid l-iSkedi ġodda Erba' u Ħamsa ta' mar-regolamenti prinċipali.

14. Minnufih wara t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu l-iSkedi ġodda li ġejjin:

"IR-RABA' SKEDA

Regolament 12(2)

VALURI EKWIVALENTI TA' EMISSJONIJIET GĦALL-METODI TA' TNAQQIS TA' EMISSJONIJIET KIF IMSEMMI FIR-REGOLAMENT 12(2)

Limiti ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu imsemmija fir-regolamenti 9 u 9A u r-regolamenti 14.1 u 14.4 tal-Anness VI tal-MARPOL u l-valuri ta' emissjonijiet korrispondenti msemmija fir-regolament 12(2):

Kontenut ta' Kubrit ta' karburanti għal użu marittimu (% m/m)	Proporzjon ta' Emissjonijiet ta' SO_2 (ppm)/CO_2 (% v/v)
3,50	151,7
1,50	65,0
1,00	43,3
0,50	21,7
0,10	4,3

Nota:

- L-użu tal-limiti tal-Proporzjon ta' Emissjonijiet japplika biss meta jintuża Distillat ibbażat fuq il-*petroleum* jew Żjut tal-Karburant Residwi.

- F'każijiet iġġustifikati fejn il-konċentrazzjoni ta' CO_2 titnaqqas mill-unità tat-tindif tal-gass tal-egżost (EGC), il-konċentrazzjoni ta' CO_2 tista' titkejjel fid-daħla għall-unità tal-EGC, sakemm il-korrettezza ta' metodoloġija bħal din tista' tintwera biċ-ċar.

ĦAMES SKEDA

Regolamenti 11, 12(4)

KRITERJI GĦALL-UŻU TAL-METODI TAT-TNAQQIS TAL-EMISSJONIJIET IMSEMMIJA FIR-REGOLAMENT 11(4)

Il-metodi tat-tnaqqis tal-emissjonijiet imsemmija fir-regolament 11 għandhom tal-anqas jikkonformaw mal-kriterji speċifikati fl-istrumenti li ġejjin, kif applikabbli:

Metodu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet	Kriterji għall-użu
Taħlita ta' karburanti għal użu marittimu u gass li jevapora (*boil-off gas*)	Regolament 12A

Sistemi ta' tindif tal-gass tal-egżost	Riżoluzzjoni MEPC.184(59) adottata fis-17 ta' Lulju 2009 'L-ilma tal-ħasil li jirriżulta mis-sistemi ta' tindif tal-gass tal-egżost li jagħmlu użu mill-kimiċi, additivi, preparazzjonijiet u kimika rilevanti maħluqa *in situ*', imsemmija fil-punt 10.1.6.1 tar-Riżoluzzjoni MEPC.184(59), ma għandhomx jintremew fil-baħar inkluż f'portijiet magħluqa, portijiet, u estwarji, sakemm ma jkunx ippruvat mill-operatur tal-bastiment li tali rimi ta' ilma tal-ħasil ma joħloqx impatti negattivi fuq u riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Jekk il-kimika użata hija soda kawstika huwa biżżejjed li l-ilma tal-ħasil jissodisfa l-kriterji stipulati fir-Riżoluzzjoni MEPC.184 (59) u li l-pH tagħha ma jaqbiżx 8,0.
Bijokarburanti	L-użu tal-bijokarburanti kif definiti fid-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli li jikkonformaw mal-i*standards* CEN u ISO rilevanti. It-taħlitiet ta' bijokarburanti u karburanti għal użu marittimu għandhom jikkonformaw mal-i*standards* tal-kubrit stipulati fir-regolamenti 8A, 9(1)(a), (b) u (4), u 9A.

* ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.	